**199. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**GĦOTJA B'ĊENS PERPETWU TA' SIT F'SELMUN LIMITI**

**TAL- MELLIEĦA LILL-ARĊIDJOĊESI TA'MALTA**

Billi l- Gvern tar- Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti sit f' Selmun, limiti tal- Mellieħa, deskritt aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal- Kamra b'ċens perpetwu taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl- istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu ( ċ ) tas- subartikolu ( 1 ) tal- artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sit f'Selmun, limiti tal-Mellieħa, ta' madwar 131.7 metri kwadri, jista' jiġi mogħti lill-Arċidjoċesi ta' Malta b'ċens perpetwu għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il- Mejda tal-Kamra.

30.07.1979